MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2202/2003

**Charles Ellul ghan-nom ta' C.E.F. (Trading) Company Limited**

**Vs**

**Mario Bugeja u b'digriet tat-Tribunal tas-26 t'April, 2004 l-isem gie kancellat u sostitwit bl-isem Mario Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur nomine talab il-hlas ta' Lm529 (hames mija u disgha u ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti bhala rifuzjoni ta' flus ghall-*spray* tal-vann Toyota CEF 222, liema xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li t-talba hi preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minghajr pregudizzju li l-ammont mitlub mhux dovut mill-istess

konvenut ghaliex ix-xoghol gie esegwit skond is-sengha u l-arti u illi l-attur kien sodisfatt bix-xoghol u hallas l-ammont kollu dovut. Il-konvenut qal ukoll li kien biss snin wara illi gie esegwit ix-xoghol illi l-konvenut gie avvicinat mill-attur l-ewwel darba b'ilmenti rigward dan ix-xoghol.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Charles Ellul fejn ighid li s-socjeta' attrici riedet taghmel *spray* fil-vettura taghha u ghalhekk ha l-istess vann lill-konvenut. Il-konvenut kien qallu li ser jiehu tlett gimghat biex ilesti x-xoghol u l-ftehim kien li jhallas lill-konvenut wara li jispicca x-xoghol.

Ighid illi wara sitt xhur minn meta ha l-vettura lura beda jinnota li kien hemm linji rqaq fuq il-genb tal-vann li kienu *cracks*. Iktar ma jghaddi z-zmien iktar bdew jinfethu. Ellul ighid li mar ghand il-konvenut biex jirrangaw izda ghalxejn.

Kienet ghaddiet sena minn meta ghamel ix-xoghol sakemm l-ewwel kellem lill-konvenut.

Jikkonferma illi meta l-konvenut spicca x-xoghol, Ellul kien kuntent bir-rizultat u fil-fatt hallas xi haga izjed.

Charles Ellul ighid li huwa lest li jirriduci t-talba tieghu fl-ammont tal-VAT li huwa Lm69 (disgha u sittin lira Maltin).

Ra x-xhieda ta' Mario Borg fejn jikkonferma li s-socjeta' attrici kienet gabet il-karozza fil-2000 sabiex jisprejha minn barra biss. Jikkonferma li wara li lesta x-xoghol fuq il-vettura, Charles Ellul kien tah Lm5 (hames liri Maltin) izjed minhabba li ghogbu l-istess xoghol.

F'Lulju tat-2003 ighid li mar Ellul ghandu jikklejmja li z-zebgha kienet qed tikkrekjalu. Kienu ghaddew sentejn u tmien xhur u ghalhekk ma setax jiggudika jekk kienx hemm xi haddiehor li ghamel xi xoghol fuq l-istess vettura. Jghid li qatt ma kellu lmenti dwar din iz-zebgha.

Fil-kontro-ezami jghid li hadd ma jaghti garanzija dwar l-i*spray* u lanqas hu fix-xoghol tieghu ma jaghti garanzija.

Ighid illi x-xoghol ghamlu kif suppost u kien gie anki Ellul waqt li Borg kien qed jahdem u dejjem qal li ghogbu.

**Ikkunsidra**

Li x-xoghol sar qabel id-29 ta' Novembru, 2000 u s-socjeta' attrici pprezentat din il-kawza biss fit-3 ta' Novembru, 2003. Illi l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili jipprovdi li azzjonijiet ghad-danni li ma jirrizultawx minn offiza kriminali huma preskritti bl-gheluq ta' sentejn. Illi certament ghaddew sentejn minn meta l-konvenut lesta mix-xoghol.

Illi f'kull kaz is-socjeta' attrici naqset li tipprezenta rapport dwar ix-xoghol jew iz-zebgha li uza l-konvenut fix-xoghol tieghu. Il-fatt li issa hemm hsara fiz-zebgha ma jfissirx necessarjament li dan huwa rizultat ta' xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Illi huwa maghruf li:

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anki jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta' l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta' l-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu (**Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996**)."

F'din il-kawza t-talba attrici hi preskritta u f'kull kaz is-socjeta' attrici ma gabitx bizzejjed evidenza biex turi li l-konvenut kien negligenti. M'hemmx provi li l-konvenut m'ghamilx ix-xoghol skond is-sengha u l-arti. M'hemmx provi li z-zebgha kienet hazina.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------